MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 171/2011

**GO plc – C22334**

**vs**

**Claudia Galea**
**ID-38879(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u seba' Ewro u tnejn u tletin centezmu (€807.32c), ammont li huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru AC 40082684 skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti annessi. Dok. IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv u Dok. IZY 2 ftehim dwar is-servizz relattiv. Illi l-konvenuta giet interpellata divrrsi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u seba’ Ewro u tnejn u tletin centezmu (€807.32c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------